MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 282/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. J. Mercieca)**

**Vs.**
**Claire Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :

**a) Nhar id-29 t' April 2005, bejn it-8.00 a.m. u l-5.00 p.m. minn gewwa l-akwata tar-Ricasoli, fil-Kalkara, ikkommettiet serq ta' sett (zewg) tarek tar-registrazzjoni u xi affarijiet ohra minn karozza Maruti 800, bin-numru tar-registrazzjoni RIT 222, ghad-dannu ta' Gabriele Andrews, liema serq huwa aggravat bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa, u aktar talli volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet l-**

**istess vettura, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (LM50), u dan bi ksur tal-artikolu 325(1)(c);**
**b) Nhar it-3 ta' Mejju, 2005, ghall-habta tas-7.00 p.m. minn gewwa Triq il-Fatati, Hamrun, ikkommettiet serq ta' vettura Ford Ka, bin-numru tar-registrazzjoni VEL 682, ghad-dannu ta' Jesmond Vella u Daniela Vella, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000);**
**c) Nhar it-3 ta' Mejju, 2005 bejn id-9.30 a.m. u l-10.00 a.m. ikkommettiet serq ta' karozza Mini, bin-numru tar-registrazzjoni LAJ261, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jaqbisx l-elf lira Maltin (LM1000), bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, u iktar talli gewwa z-zona industrijali ta' Kordin, nhar l-4 ta' Mejju, 2005 f' xi hin qabel l-10.45 a.m. volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet l-istess vettura, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (LM500), izda izjed minn hamsin lira Maltin (LM50), ai termini tal-Artikolu 325 (1)(b) ghad-dannu ta' George Francica;**
**d) Fl-4 ta' Mejju, 2005, ghall-habta tas-1.00 p.m. fi Triq il-Millenium Stand, gewwa Ta' Qali, limiti tar-Rabat, ikkommettiet serq ta'vettura Honda, bin-numru tar-registrazzjoni BEE 100, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000), bil-lok u bix-xorta tal-haga misruqa, u aktar talli wara l-istess data, gewwa Hal-Far, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet l-istess vettura, liema hsara tiskorri l-hames mitt lira Maltin (LM500), u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghad-dannu ta' Beverly Tanti;**
**e) Fit-3 u l-4 ta' Mejju, 2005 u/jew fil-jiem ta'wara b' diversi atti maghmulin mill-imputata, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, f'dawn il-Gzejjer saqet fost l-ohrajn karozza Ford Ka, bin-numru tar-registrazzjoni VEL 683;**
**f) Ghamlet falsifikazzjoni jew xort' ohra xjentement ghamlet uzu minn dokument falsifikat, u cioe' minn zewg tarek tar-registrazzjoni RIT 222, fuq vettura Ford Ka, li n-numri proprja taghha huma VEL 683, ai termini tal-Artikolu 189, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**g) Nhar id-29 t'April 2005 u/jew fil-jiem ta' wara, izda qabel id-9 ta' Mejju, 2005 b' diversi atti maghmulin mill-istesss imputat, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda f'dawn il-Gzejjer;**
**h) Irrendiet ruhha recidiva ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstabet hatja b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.**

**Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali tal-31 ta' Lulju, 2006, li biha, wara li rat l-artikoli 18 u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 18, 261(c)(g)(a), 262(1)(a)(b), 267, 271(g), 279, 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 18 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 49, 50 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 3(1)(2) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellata hatja tal-akkuzi dedotti kontrieha w ikkundannatha ghal sitt (6) xhur prigunerija fuq l-ewwel, il-hames, is-sitt u s-seba' akkuza migjuba kontrieha. Barra minn hekk ikkundannatha wkoll ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin taht supervizjoni ta' ufficjal tal-probation fuq it-tieni, t-tielet u r-raba' akkuza migjuba kontrieha, ai termini tal-artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-18 t' Awissu 2006 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f' dik il-parti fejn instabet htija fl-appellata skond l-akkuzi migjuba, u f' dik il-parti fejn giet inflitta piena karcerarja effettiva fuq l-ewwel, il-hames, is-sitt u s-seba akkuzi, thassaraha w tirrevokaha f' dik il-parti fejn giet inflitta piena karcerarja sospiza, u minflok tikkundanna lill-appellata ghal sentejn prigunerija effettivi fuq it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet.**

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt legalment tinfliggi piena ta' prigunerija sospiza ai termini tal-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali u dana minhabba li l-imputata appellata giet dikjarata bhala recidiva fil-periodu tal-kommissjoni tar-reati that it-tieni, t-tielet u r-raba' imputazzjoni. Dana minhabba d-divjet espress taht l-artikolu 28A(7)(b) tal-Kodici Kriminali.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Li huwa minnu li skond l-artikolu 28A(7) (b) ma jistax isir ordni ta' sentenza sospiza meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-terminu tal-artikolu 50.**

**Illi bl-ammissjoni taghha stess l-appellata ma tikkontestax li hija recidiva. Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti jidher li kienet prekluza milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza f'dan il-kaz u kienet marbuta li tinfliggi l-piena applikabbli ghar-reati li l-appellata kienet ammettiet l-htija taghhom w li kienet instabet hatja taghhom u kwindi l-appell tal-Avukat Generali jidher gustifikat skond il-ligi. (ara : app. Krim.** "Il-Pulizija vs. Joseph Compagno" **[9.7.2003] u ohrajn)**

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Martin James" **[27.5.2004] :-**

**"*f'kazijiet bhal dawn idejn din il-Qorti jkunu marbuta ghaliex ladarba l-appellat ma jkunx hu ukoll appella mis-sentenza w partikolarment mill-kundanna ghal terminu ta' prigunerija - sia pure sospiza – dik il-kundanna tkun ghaddiet in gudikat u allura l-uniku "point in issue" quddiem din il-Qorti jkun jekk il-kundanna ghal zmien ta' prigunerija ghandhiex tidhol in effett minnufieh jew ghandiex tkun wahda sospiza***

***skond l-artikolu 28A. Ghalhekk lanqas ma jkun possibbli ghal din il-Qorti li tikkonsidra xi xorta ta' provvediment iehor li forsi jkun aktar idoneju fic-cirkostanzi ta' xi kaz partikolari – bhal nghidu ahna dawk kontemplati fil-Kap. 446 – li mhumiex prekluzi li jigu moghtija w applikati minnhabba r-recidiva. Dan qed jintqal biex tigi senjalata din il-"pit fall" fejn l-akkuzat li jkun minghalih li l-kaz tieghu ser jintemm bi provvediment ta' sentenza sospiza - ovvjament ghas-sodisfazzjon tieghu - ma jsibx ruhu li, fi stadju t' appell, kollox jigi rovexxjat irrimedjabilment ghax hu ukoll ma jkunx appella, u hekk jaqa', kif jghidu bl-ingliz, "between two stools" ."***

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellata ghall-sentejn prigunerija sospiza ghal erba' snin taht supervizjoni ta' ufficjal ta' Probation fuq it-tieni (2), t-tielet (3) u r-raba' (4) akkuza migjuba kontriha ai termini tal-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta w minnflok tikkundannaha sentejn (2) prigunerija effettiva ghall dawn l-imputazzjonijiet u mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament taghha kollha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------